**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Marzu, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 334/2016**

**Fish and Fish Co. Ltd**

**vs**

**L-Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u Id-Direttur Generali, Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' April, 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta esponenti topera fl-industrija ta' akkwakultura u sajd, u ilha hekk topera fil-gzejjer Maltin ghal bosta snin;

2. Illi fi hdan l-oqsma fuq imsemmija, is-socjeta esponenti topera negozju ta' akkwakultura tal-ispeci thunns thynnus (it-tonn) u dan billi ghandha f'Malta stabbilimenti ghat-tkabbir tat-tonn. F'dan il-qasam is-socjeta esponenti minn dejjem imxiet mar-regolamenti, policies u l-ligijiet kollha applikabbli;

3. Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti giet interpellata permezz ta' ittra mibghuta mill-intimata Direttur Generali ghad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura, sabiex thallas is-somma ta' €219,942.10 bhala mizata annwali retroattiva tax-xhur precedenti minn Mejju tas-sena 2015 mahduma fuq 956.27 tunnellata tal-hut imsemmi (kopja tal-ittra hawn annes sa u mmarkata bhala Dok. FF1);

4. Illi l-ittra premessa kienet taghmel referenza ghal laqgha li kienet saret nhar it-3 ta' Ottubru 2015 u ghar-Regolamenti dwar il-Hlasijiet ghal Servizzi ghas-Sajd u Akkwakultura kif emendat permezz tal-Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015;

5. Illi s-socjeta esponenti oggezzjonat ghall-Avviz Legali 344 tas-sena 2015 specjalment rninhabba l-impozizzjoni tal-mizata annwali retroattiva ta' mitejn u tletin euro (€230) fuq kull tunnellata ta' tonn li ammont ghal €219,942.10, stante li din kienet effettivament taxxa b'Iura;

6. Illi fl-artikolu 4 tal-ligi sussidjarja fuq riferiti, ntqal bla tlaqliq li jekk ma jsirx il-hlas mitlub ma kienux se jinghataw servizzi essenzjali mid-dipartiment lir-rikorrenti. Rinfaccata b'din it-theddida s-socjeta esponenti hallset l-ammont mitlub bi protesta kif ukoll irriservat id-drittijiet kollha spettanti lilha sabiex is-somma tigi rifuza u tattakka l-itess Avviz Legali u l-mizata in kwistjoni;

7. Illi r-rikorrenti prezentat ittra ufficjali fil-11 ta' April 2016 u talbet ir-refuzjoni tal-ammont mhallas kif jinghad;

8. Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad illi d-decizjoni u d-diskrezzjoni tal-intimat Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima illi johrog l-Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015, huwa dak li jissejjah fil-kamp amministrattiv, delegated legislation, jaqa’ fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk suggett ghal iskrutinju ta' din l-Onorabbli Qorti taht dak li jissejjah ghal iskrutinju ta' din l-Onorabbli Qorti taht dak li jissejjah judicial review;

9. Illi primarjament, kif ser jigi ahjar imfisser fil-mori tal-proceduri, l-Avviz Legali in kwistjoni ghandu jigi ddikjarat null u minghajr effett taht l-artikolu 469A(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li huwa ultra vires peress illi nhareg taht l-Enabling Act l-erronea. L-Avviz Legali in desamina jemenda r-Regolamenti dwar ir-Rimunerazzjoni lill-Ufficjali tas-Sajd tas-sena 1991. Kienu biss l-Att dwar l-Industrija tas-Sajd (Kap.138 tal-Ligijiet ta' Malta), illum il-gurnata revokat, kif ukoll l-Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35 tal-Ligijiet ta' Malta) li taw poter lill-Ministru sabiex johrog ir-Regolamenti dwar ir-Rimunerazzjoni lill-Ufficjali tas-Sajd tas-sena 1991 li qed jigu emendati permezz li l-Avviz Legali 344 tas-sena 2015. Ghalhekk, peress li l-Avviz Legali 344 tas-sena 2015 jemenda biss ir-Regolamenti dwar ir-Rimunerazzjoni lill-Ufficjal tas-Sjad tas-sena 1991, dan kellu biss jinhareg taht l-istess Enabling Acts u cioe taht il-Kap. 35 tal-Ligijiet ta' Malta semmai peress li ghadu vigenti u mhux kif hemm indikat fl-istess Avviz Legali, taht l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta);

10. Illi maghdud mas-suespost, apparti l-Avviz Legali in kwistjoni nhareg taht l-Enabling Act erroneja, l-istess Avviz Legali numru 344 tal-2015 imur kontra dak li jissejjah 'the spirit of the law' fil-kamp amministrattiv, u dan peress illi r-Regolamenti dwar ir-Rimunerazzjkoni lill-Ufficjali tas-Sajd tas-sena 1991 li nhargu taht l-enabling Acts il-Kap. 318 u l-Kap. 35 tal-Ligijiet ta' Malta, li gew emendati permezz tal-Avviz Legali in kwistjoni, jindirizzaw biss rimunerazzjoni li ghandhom jinghataw Iill-ufficjali tas-sajd u mhux mizati Ii ghandhom jinghataw mill-operaturi tal-akkwakultura fuq il-prodotti nfushom (f’dan il-kaz il-mizata fuq it-tonn) minghajr ma jinghata konsiderazzjoni dwar is-servizzi nnifishom tal-ufficjali tas-sajd u mhux l-ammont tal-prodott maqbud mill-operaturi. Dan jista jwassal ukoll sabiex isisr skrutinju ta' dan l-Onorabbli Qorti taht l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li qed isir abbuz tas-setgha tal-awtorita pubblika billi l-istess Avviz Legali ghalhekk isejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti;

11. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-Avviz Legali in desamina, artikolu 4 u 6, il-mizata in kwistjoni, u cioe €230 fuq kull tunnellata ta' tonn, inharget b'mod retroattiv sabiex tapplika minn Mejju tas-sena 2015. Kemm l-Enabling Acts li suppost kellhom japplikaw u cioe l-Kap. 138 jew il-Kap. 35 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Att dwar il-Konservazzjoni l-Amministrazzoni tas-Sajd (Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghtu l-ebda setgha lill-Ministru intimat sabiex johrog Regolamenti ta' natura pekunjarja b'mod retroattiv jew f'dan il-kaz ghalhekk johrog Avviz Legali li jemenda Regolamenti b'mod retroattiv. Dan ifisser illi l-hrug tal-Avviz Legali numru 344 tas-sena 2005 li japplika b'mod retroattiv inhareg b'mod ultra vires taht l-artikolu 469A(l)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u dan peress li ma nhargitx mill-intimat Ministru fil-parametri tal-poteri moghti lilu mill-organi legislattivi;

12. Illi maghdud mal-punt dwar ir-retroattivita tal-mizata in kwistjoni, ghandu jinghad illi l-istess mizata ghandha natura fiskali u dan peress illi hija impozizzjoni fuq il-prodott innifsu u mhux forma ta' mizata bhala licenzja jew rimunerazzjoni mill-ufficjali tas-sajd skont is-servizzi innifshom u mhux il-prodott maqbud mill-operaturi. Huwa principju ben stabbilit li l-imposizzjoni ta' taxxa ma tistax tkun retroattiva u ghalhekk l-artikoli 4 u 6 tal-Avviz Legali 344 tas-sena 2015 li jimponi l-mizata ta' natura ta' taxxa huwa ultra vires taht l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi twettaq minn awtorita pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu kif ukoll jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa. Fil-fatt, l-Avviz Legali inhareg fuq l-ghanijiet li jimponi l-mizata annwali ta' €230 fuq kull tunnellata ta' tonn kif ukoll sabiex l-istess mizata tapplika b'mod retroattiv. Dan l-ghanijiet mhumiex xierqa u dan peress li jmorru kontra l-principji illi taxxa ma tistax tapplika retroattivament;

13. Illi ghandu jinghad illi l-fatt li mhemmx il-poter specifiku fl-Avviz Legali seta' jkollu effett retroattiv kif ukoll il-fatt illi r-retroattivita tal-mizata in kwistjoni tmur kontra l-principju tan-non-retroattivita tat-taxxa, jkompli jsahhah l-argument tas-socjeta esponenti illi l-Avviz Legali jmur kontra l-principju ta' vested right u l-principju ta' legitimate expectation;

14. Illi d-dritt akkwizit li jappartjeni lis-socjeta esponenti huwa d-dritt li s-socjeta esponenti ghandha fuq il-prodott maqbud minnha u cioe t-tonn minghajr l-impozizzjoni tal-mizata in desmina fejn il-prodott gie akkwistat taht il-ligi antika li ma kinitx timponi l-ebda mizata ta' natura ta' taxxa u ghalhekk taht il-principju ta' legitimate expectation fejn is-socjeta esponenti ma kellhiex tahseb u tinkwieta li t-tonn li taqbad fin-negozju taghha kien ser jigi ntaxxat skont il-mizata mizjuda permezz tal-Avviz Legali 344 tas-sena 2015;

15. Illi, ghalhekk, tenut kont tas-suespost, l-Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015 li jimponi l-mizata annwali ta' €230 fuq kull tunnellata ta' tonn b'mod retroattiv permezz tal-artikolu 4 u 6 tal-istess Avviz Legali, huwa ull u minghajr effett ukoll a bazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk is-somma €117,645 imhallsa lill-intimat Dipartiment tas-Sajd u Akkwakutura ghandha tigi rifuza bl-interessi applikabbli skont il-ligi u dan kif ser jigi izjed spjegat fid-dettall fil-mori ta' dawn il-proceduri.

16. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob li, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalisasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-intimat Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u/jew l-intimat Direttur Generali Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li johrog Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015 hija ultra vires ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekkk l-istess Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015 huwa null u minghajr effett;

2. Tiddikjara, li fil-kaz li l-ewwel talba ma tintlaqax, id-decizjoni tal-intimat Ministru ghall-Izvilupp sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u/jew l-intimat Direttur Generali Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li permezz tal-Avviz Legali Numru 344 tas-sena 2015 hija ultra vires ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-artikoli 4 u 6 tal-Avviz Legali numru 344 tas-sena 2015 hija nulla u minghajr effett; konsegwentement;

3. Tikkundanna lill-intimat jew min minnhom sabiex jirrifondu lura lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €219,942.10 (mitejn u dsatax-il elf disa' mija u tnejn u erbghin ewro u ghaxar centezmi) imhallsa taht protesta, flimkien mal-interessi applikabbli skont il-ligi mid-data tal-pagament.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawn tal-ittra ufficjali premess u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, in-nullita tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ghalkemm giet prezentata ittra ufficjali, din l-ittra ufficjali - li kienet l-unika ittra ufficjali rigwardanti l-mertu tal-kaz odjern - giet prezentata fl-istess gurnata li giet intavolata l-kawza odjerna u mhux wara l-perjodu ta' mhux inqas minn ghaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern, kif mehtieg ad validatem. (ara ittra ufficjali annessa u mmarkata bhala Dok. DG1).

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu li l-azzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni attrici hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-esponenti jecepixxu l-inapplikabilita tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-att in kwistjoni ma jikkostitwixxix 'eghmil amministrattiv' kif definit fl-artikolu 469A stess. Isegwi ghalhekk li l-validita o meno tal-Avviz Legali 344 tal-2015 jew ta' parti minnu ma tistax tigi mistharrga taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati.

5. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi a kuntrarju ta' dak eccepit fir-rikors in risposta, l-operat tas-socjeta attrici mhuwiex ghal kollox in linea mal-ligijiet applikabbli u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-mizata imposta permezz tal-Avviz Legali 344 tal-2015 mhijiex taxxa izda tikkostitwixxi mizata relatata mas-servizzi illi l-Gvern, principalment tramite d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, jaghti lill-operaturi tas-settur inkluz lis-socjeta rikorrenti.

8. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-Ministru intimat kellu s-setgha johrog l-Avviz Legali 344 tal-2015 anke b'effetti retroattivi u dan kif jirrizulta mill-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Illi l-Ministru responsabbli ghall-finanzi kien konsultat u approva l-Avviz Legali 344 tal-2015 tant illi hu wkoll iffirma dan l-Avviz Legali (ara Dok. DG2 anness).

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in kwantu illi s-socjeta rikorrenti qieghda tallega illi l-Avviz Legali in kwistjoni kellu johrog taht il-Kap. 35 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kap. 425, l-esponenti jecepixxu fl-ewwel lok illi l-Kap. 425 hassar u issostitwixxa l-Kap. 138 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Att dwar l-Industrija tal-Hut. Inoltre ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm il-poter moghti lill-Ministru intimat mill-Kap. 35 mhux espressament imsemmi fl-Avviz Legali 344 tal-2015, dan ma jfissirx illi l-Avviz legali huwa wiehed null u minghajr effett kif allegat mis-socjeta rikorrenti.

11. Illi l-esponenti jecepixxu illi huma mxew strettament fil-limiti tal-poter moghti lilhom mil-ligi u strettament mad-dettami tal-ligi.

12. Illi l-esponenti jirrelevaw ukoll illi ghal xhur qabel ma effettivament gie ppubblikat u moghti s-sehh l-Avviz Legali, is-socjeta rikorrenti kienet ukoll f'diskussjonijiet ma' ufficjali tal-Ministeru responsabbli ghall-finanzi u kienet partecipi f'diskussjonijiet u kienet infurmata dwar dak li kien mahsub, inkluz bl-ammonti approssimattivi illi kienu ser jigi mitluba u minn meta kienu ser jibdew japplikaw.

13. Illi l-hrug tal-Avviz Legali 344 tal-2015 inkluz id-data minn minn meta bdiet tapplika l-mizata bl-ebda mod ma jista' jinghad illi kiser xi aspettattiva legittima tas-socjeta rikorrenti jew kiser xi allegat dritt kwezit tas-socjeta rikorrenti.

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti,

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat**

F'din il-kawza s-socjeta attrici qed tattakka l-poter tal-Ministru li johrog Avviz Legali senjatament Avviz Legali 344 tal-2015 bhala wiehed ultra vires ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 u in oltre minghajr pregudizzju ghal din it-talba, illi d-decizjoni tal-intimati li ttiehdet permezz u b'sahha tal-Avviz Legali 344 tal-2015 hi wkoll ultra vires ai termini tal-artikolu 469A u kwindi l-artikoli 4 u 6 tal-istess Avviz Legali huma wkoll nulli. Ghalkemm f'din l-ahhar talba jidher li s-socjeta attrici halliet xi kliem barra fis-sens ta' dak li jikkostitwixxi d-decizjoni lmentata li ma jirrizultax fit-talba, pero hu car illi dak li qed taghmel is-socjeta attrici hu li tattakka Avviz Legali.

Ghal dawn it-talbiet, il-konvenuti resqu tlett eccezzjonijiet preliminari.

**1. In-nullita tal-azzjoni ghax ma gietx preceduta minn ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap. 12**

Skond dan l-artikolu ebda procediment ma jista' jittiehed kontra l-Gvern, jew awtorita mwaqqfa mill-kostituzzjoni jew persuna f'kariga pubblika fil-kwalita ufficjali taghha hlief wara ghaxart ijiem minn notifika kontra l-persuna msemmija ta' ittra ufficjali jew protest li fih il-pretensjoni tigi mfissra b'mod car.

Jekk din il-procedura ma tigix segwita l-procediment inizjat hu null u mhux sanabbli. Il-kliem hu car u l-intenzjoni tal-legislatur hi cara. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Oliver Ruggier vs Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (PA 25/02/2016):

> Illi l-Qorti taghraf li l-htiega tal-hrug ta' talba gudizzjarja qabel tista' tinfetah kawza jew jittiehed procediment iehor hija regola procedurali li taghti privilegg lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawzi li fihom ikunu mharrkin, liema privilegg gie mfisser li japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni (App. Civ. 9.2.1987 fil-kawza fl-ismijiet **David Harding vs Lawrence A. Farrugia et** (mhix pubblikata) . Bhala tali, din ir-regola tirrapprezenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet taghha konta l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li tezigi li tinghata tifsira restrittiva biex ma tohnoqx bla

> bzonn l-azzjoni gudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privilegg procedurali huwa wiehed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio (Ara P.A. FGC 7.5.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004). Jinghad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jhares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita' li tkun giet interpellata (Ara Mag (Gh) AE 16.10.2007 fil-kawza fl-ismijiet **Grace Sacco vs Suprintendent Mediku Sptar Generali ta' Ghawdex et** (mhix appellata);

F'dan il-kaz jidher illi l-azzjoni intentata taht l-artikolu 469A taqa' fil-parametri ta' azzjoni kif irid l-artikolu 460 billi mhix wahda mill-proceduri ezentati skond l-artikolu 460(2).

In oltre s-socjeta attrici ma gabet ebda prova li pprezentat xi ittra ufficjali jew protest qabel intentat il-kawza, tant hu hekk illi oltre l-provi prezentati gie dikjarat fil-verbal tal-11 ta' Lulju 2016 illi l-unika prova li kien fadlilha s-socjeta attrici kienet prova tad-data tal-pubblikazzjoni tal-Avviz Legali in kwistjoni, prova li kienet gia esebita fl-att.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta attrici illi din ir-regola procedurali tohnoq xi dritt taghha ghaliex kull ma timponi r-regola hu l-preavviz lil Gvern. In-nuqqas tal-attrici li tottempera mar-regoli procedurali ma jistax fil-fehma tal-Qorti tintuza bhala skuzanti ghal tali nuqqas.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha u l-procedura odjerna tigi dikjarata inammissibbli u nulla.

**2. L-artikolu 469A ma jistax jintuza biex tigi attakkata ligi**

Is-socjeta attrici fil-mertu tal-azzjoni qed tattakka l-Avviz Legali 344 tal-2015 u qed taghmel dan esklussivament fil-parametri tal-artikolu 469A. Kif gustament relevat mill-konvenuti s-socjeta attrici mhix qed tipprova twaqqa' eghmil amministrattiv izda strument legislativ ghax ultra vires il-poteri tal-konvenuti. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo Borg vs Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u Intern et**

(08/11/2005) gia ppronunzjat ruhha fuq din il-kwistjoni u ddecidiet li l-artikolu 469A ma jistax jintuza ghal tali skop u qalet hekk:

> Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant li l-ligi sussidjarja in dizamina u/jew il-bidu fis-sehh taghha jammonta ghal "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Din il-ligi u/jew il-bidu fis-sehh taghha hija eminentement att jew eghmil legislattiv, ghalkemm imwettqa (jew, biex wiehed b'ebda mod ma jippregudika ghal mument il-meritu tal-kwistjoni dwar l-ultra vires, "allegatament imwettqa") mir-ram Ezekuttiv tal-Gvern fuq delega tar-ram Legislattiv. Ghalkemm huwa veru li diversi awturi Inglizi, meta jirreferu ghal decizjonijiet li jittiehdu mill-amministrazzjoni pubblika, spiss jiddistingwu bejn funzjonijiet legislattivi, amministrattivi, gudizzjarji u ministerjali ta' tali amministrazzjoni pubblika (Ara, per ezempju, S. A. de Smith Constitutional and Administrative Law 3rd edition, Penguin Books Ltd. (Harmondsworth) 1977, pp. 514-515), fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindakata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja – in effetti mill-Prim Awla – biex wiehed jara jekk tali ligi hix intra vires jew ultra vires is-setghat moghtija mill-Parlament. Id-dritt ta' kull persuna li titlob lill-Qorti li hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit bl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta' "ligi" moghtija fl-Artikolu 124(2) ta' l-istess Kostituzzjoni (bi dritt ta' appell skond kif provvdut fl-Artikolu 95(2)(e) ta' l-istess Kostituzzjoni, cioe` lill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lil din il-Qorti). Meta l-legislatur, bl-emendi introdotti (u li llum jinsabu mhassra) fl-Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' l-Att VIII ta' l-1981 ipprova jirrestringi u jillimita l-istharrig gudizzjarju ta' l-eghmil amministrattiv, kien evidenti li dawn l-emendi ma kienu b'ebda mod jolqtu jew jirreferu ghall-istharrig gudizzjarju tal-validita ta' ligijiet, sia jekk principali u sia jekk sussidjarji.

Il-Qorti tqis illi r-rimedju tal-attur biex jattakka validita ta' strument legislattiv ma jinstabx fl-artikolu 469A izda banda ohra. Il-Qorti hi marbuta ma' dak mitlub u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha oltre dak mitlub jew minflok dak mitlub.

Il-Qorti wkoll ma taqbilx mas-socjeta attrici li jekk l-ewwel zewg talbiet mhux sindakabbli bil-procedura tal-artikolu 469A xorta l-Qorti trid tiehu konjizzjoni tat-tielet talba. Dan ghaliex it-tielet talba hi l-konsegwenza naturali tal-ewwel zewg talbiet u hi dipendenti fuq l-ezitu taghhom.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll iggib fix-xejn l-azzjoni attrici.

**3. Il-kawza saret oltre is-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12**

Il-Qorti ma tqis li ghandha tippronunzja ruhha fuq din il-kwistjoni meta l-azzjoni attrici giet stronkata ghar-ragunijiet li jipprecedu kull konsiderazzjoni li tista' ssir dwar din l-eccezzjoni.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari u tiddikjara l-azzjoni attrici nulla u tilqa' it-tielet eccezzjoni billi tqis ukoll illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni kif impostata mis-socjeta attrici hi inapplikabbli ghar-rimedju mitlub. Spejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur